MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 68/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Peter Bugeja bin John u Nicolina nee' Grima, imwieled fil-31 ta' Awissu 1972 u residenti Sweet Dreams, Triq il-Merkanti, Ghajnsielem detentur tal-karta ta'l-identita' 22772(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Peter Bugeja akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda qabel is-17 ta' Gunju 2005 bhala sid tal-fond

Sweet Dreams, Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex u bhala persuna li fuqu huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqi li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker, ikkometta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-korporazzjoni EneMalta liema hsara tammonta ghal zewg liri Maltin (Lm2).

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dana l-kaz huma s-segwenti. L-imputat Peter Bugeja  huwa sid il-fond Sweet Dreams, Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex. Jirrizulta illi l-imputat kien ilu jghix f'din id-dar ghal xi hames snin u wiritha minn ghand missieru. Jidher illi l-garaxx ta' dina d-dar fejn kien sitwat il-meter tad-dawl, kien ghal snin twal jintuza minn missier l-imputat bhala impjant tal-ipprocessar u bejgh ta' hut. F'dana l-fond kienet tahdem il-familja kollha, bil-haddiema. Il-meter kien ilu mwahhal minn dana z-zmien. Il-meter kien wiehed miftuh fis-sens illi ma kienx go kaxxa u kien meter tad-dawl piutost antik – il-meter kien wiehed *three phase* tal-marka GEC mudell E43 B/M.  Illi l-espert nominat mill-inkwirenti, fl-atti tal-inkjesta, Dr. Kevin Mompalao, li kkonferma r-rapport tieghu f'dawn il-proceduri jghid illi minn ezami tal-meter in kwistjoni rrizulta illi l-irregolarita principali kienet tikkonsisti fil-mankanza ta' sigilli tal-*base cover*, u sigill nieqes u tnejn maqtughin fil-cover tal-meter. L-espert isostni:
"Minhabba fin-nuqqas tas-sigill tal-*base cover* din setghet tinfetah facilment, minn hawn seta jinsteraq kurrent elettriku billi jigi by-passed il-meter jew billi jigu mcaqalqin is-*shunts*. Dana seta' jsir kemm fir-rigward tat-tlett *phases* in toto, jew in parti f'xi *phase* jew tnejn minnhom. Fl-ewwel

kaz il-meter ma jimmarka xejn, fit-tieni kaz il-meter jimmarka minn tlieta u tletin fil-mija (33%) sa sitta u sittin fil-mija (66%) anqas."[1]

Izid ighid ukoll illi billi l-cover tal-meter ma kienx issigillat u ghalhekk kompletament miftuh meta jinhallu tlett viti zghar "hemm diversi modi kif jista' jinsteraq il-kurrent elettriku, tramite l-meter. L-iktar popolari huma jew li titwaqqaf id-diska, jew tinzamm iddur bil-mod, jew billi jigu varjati l-*calibration screws*, jew billi jintmess id-*dial* manwalment, jew billi jigu skonettjati t-*terminal lugs* u diversi modi ohra .."[2]

Illi x-xhieda Mario Pavia, Mark Said u Joseph Vella li kienu l-haddiema tal-Enemalta li marru fuq il-post kollha jikkonfermaw illi l-irregolarita' kienet fis-sens illi l-meter kellu xi sigilli li kienu mbasktin jew immermrin minhabba x-xemx u kien hemm sigilli ohrajn li kienu neqsin. Isostnu illi wiehed minn dawn is-sigilli neqsin instab bejn il-meter u l-hajt meta nqala' l-meter tad-dawl waqt l-inkjesta magisterjali li saret fuq il-post. Mario Pavia in kontro-ezami jsostni illi s-sigilli kienu maghmula mill-plastik u li l-meter kien qieghed wara l-bieb tal-garaxx u ghalhekk kien faccata tax-xemx. Ighid ukoll illi l-plastik li kien jintuza fil-meters tad-dawl il-qodma kien ta' kwalita inferjuri u l-hajta li torbot mal-vit kienet issir tal-plastik biss kuntrarjament ghal dak li jsir illum fejn tkun imhallta bil-hadid.[3]

Illi l-imputat min-naha tieghu jichad kategorikament illi huwa qatt mess dana l-meter. Kemm fix-xhieda li huwa jaghti fl-inkjesta magisterjali kif ukoll meta jixhed quddiem il-Qorti huwa jsostni illi dana l-fond kien jintuza mill-familja taghhom ghan-negozju tal-hut izda meta mbaghad fethu hanut gewwa Mgarr Road, huwa iddecieda jbiddel is-sistema tal-elettriku li kien hemm fil-post peress illi dan kien wiehed antik hafna u ghalhekk inkariga lil certu John Haber bhala electrician. Kien hawnhekk illi gew il-haddiema tal-Enemalta biex jaqilghu l-meter u sabu s-sigilli neqsin. Isostni illi l-meter tad-dawl kien ilu hemm 'il

---

[1] Ara rapport a fol.31
[2] Ara rapport a fol.32
[3] Ara xhieda ta' Mario Pavia, Mark Said u Joseph Vella fols.52 sa 55 tal-process

fuq minn tletin sena u li kien dejjem jinstab faccata tax-xemx. Ikompli jghid illi l-fond akkwistah fl-1999 meta zzewweg u fl-2005 nehha *cold room* li kienet tezisti qabel fil-fond peress illi dina kienet ilha ma tintuza mill-2003[4].

Illi l-imputat iressaq bhala xhud lill-electrician tieghu John Haber li jghid li gie nkarigat mill-imputat ghal habta tas-sena 2004 biex ibiddillu s-sistema tad-dawl ta' dana l-fond li kienet wahda antika. Ighid: "Jiena qlajtlu is-sistema kollha u biddilthielu u nghid illi meta gejt ghal meter tad-dawl kien hemm hafna wires hdejh u ghalhekk ghedtlu biex icempel lil tal-Enemalta sabiex jigu jaghmlu meter gdid biex inkun nista' naghmel distribution box." Ighid illi l-meter tad-dawl kien kollu msaddad. Huwa kien prezenti meta l-haddiema tal-Enemalta qalghu s-sigilli u jghid illi dawn kienu kollha immermrin u msaddin tant illi tfarrku meta Mario Pavia qabadhom f'idejh. Jghid illi meta huwa ghadda s-sistema tad-dawl il-gdida wahhal hames tubi tad-dawl, tlett airconditioners, kamra tal-banju gdida u ghamel id-dawl fil-bitha tal-fond. [5]

Illi ghaldaqstant fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk effettivament il-meter de quo kienx imbaghbas o meno, il-korp tal-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsisti principalment jekk mhux unikament mir-rizultanzi tal-inkjesta. Illi ghalkemm fir-rapport tieghu l-espert Dr. Kevin Mompalao jghid illi kien hemm l-irregolaritajiet indikati iktar 'il fuq madanakollu huwa ma setax jikkonkludi jekk verament sehhx is-serq tad-dawl izda indika diversi supposizzjonijiet ta' kif fil-fatt seta' jinsteraq l-elettriku fil-kundizzjoni li fih instab il-metre tad-dawl. Ma ngiebet l-ebda prova ohra li tindika illi dana verament sehh b'xi wiehed jew aktar mill-modi li jsemmi l-espert fir-rapport tieghu.

Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment:

" Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz

---

[4] Ara xhieda ta'l-imputat a fols.76 sa 78

[5] Ara xhieda ta' John haber a fols. 91 u 92.

pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela, bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar." Issa gie ben stabbilt mill-provi akkwiziti illi l-meter tad-dawl in kwistjoni kien wiehed qadim u espost ghal tul taz-zmien ghax-xemx. Is-sigilli kienu maghmula mill-pastik li kien ta' kwalita inferjuri u li maz-zmien dawn tmermru u waqghu. Il-meter fil-fatt kien kollu msaddad. Inoltre irrizulta wkoll illi ghall-fond in kwistjoni kellhom access diversi nies u li dana l-fond kien f'idejn missier l-imputat li kien juza dana l-fond bhala hanut tal-hut. Inoltre wara li twahhal il-meter tad-dawl il-gdid u nbiddlet l-installazzjoni tal-elettriku tal-fond, l-imputat zied bosta *appliances* u apparat iehor fejn zied il-konsum tal-elettriku u li kien minhabba f'dina r-raguni li kien hemm zieda fil-konsum irregistrat.

Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata "din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett." Illi ghalkemm jista' jkun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrieh.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfornt tieghu fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------